MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 350/2013

**Joany Mizzi**

**Vs**

**Leo Grech u Alan Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti minnha mressqa fil-11 ta' Gunju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elf sitt mija hamsa u erbghin euro [€1,645] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuti ghandhom jiġu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti Joany Mizzi s-somma ta' elf sitt mija u hamsa u erbghin Ewro (€1645) dovuti lir-rikorrenti bhala danni sofferti minnha wara li b'negligenza tal-intimati jew min minnhom, il-bagalja taghha intilfet minn fuq il-bus misjuqa mill-intimat Alan Sultana fil-vjagg li

sehh fis-27 ta' Novembru 2011 mill-ajruport internazzjonali ta' Malta ghac-Cirkewwa u dana peress li x-xufier Alan Sultana ghabba żżejjed bagalji f'komprtament wiehed bil-konsegwenza li mat-triq infethet il-bieba tal-komportament u ntilfet il-bagalja tar-rikorrenti li kienet mimlija oggetti personali u ohrajn ġodda tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kompriża dawk tal-prezenti, u tal-ittra uffiċjali nru 577/2013 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat Leo Grech** minnu mressqa fis-17 ta' Settembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi, preliminarjament, l-esponent mhux leġittimu kontradittur tar-rikorrenti u konsegwentement ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, minghajr preġudizzju ghall-premess, u fil-mertu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jiġu michuda.

3. Ghalhekk, fejn jirrigwarda l-esponent m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Minghajr preġudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jiġi pruvat skond il-ligi.

4. Salvi eċċezzjonijiet ohra premessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra r-rikorrenti".

Ra **r-risposta tal-intimat Alan Sultana** minnu mressqa fis-17 ta' Settembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jiġu respinti stante li l-incident de quo ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-konvenut Alan Sultana.
>
> 2. Ghalhekk, fejn jirrigward l-esponent m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Minghajr preġudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jiġi pruvat skond il-ligi.
>
> 3. Ghaldaqstant, ma hemmx lok ghall-kundanna tal-esponent ghall-hlas ta' danni favur ir-rikorrenti.
>
> 4. Salvi eċċezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti".

Ra l-ahhar verbal datat 30 ta' April, 2014 fejn it-Talba thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati s-somma ta' €1645 dovuti lilha bhala danni sofferti minnha wara li b'negligenza tal-intimati jew min minnhom, il-bagalja taghha intilfet minn fuq *coach* li kienet qeghda tinstaq mill-intimat Alan Sultana fil-vjagg li sehh fis-27 ta' Novembru

2011 mill-ajruport internazzjonali ta' Malta ghac-Cirkewwa u dana peress li x-xufier Alan Sultana ghabba żżejjed bagalji f'komprtament wiehed bil-konsegwenza li mat-triq infethet il-bieba tal-komportament u ntilfet il-bagalja taghha li kienet mimlija oggetti personali u ohrajn ġodda.

2. L-intimati da parti taghhom ikkontestaw ir-responsabbilita ghall-akkadut. L-intimat Leo Grech stqarr li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti u konsegwentement kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Qal ukoll li fil-mertu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jiġu michuda. Minghajr preġudizzju ghal dan, kompla jghid l-intimat il-quantum tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jiġi pruvat skond il-ligi.

3. L-intimat Alan Sultana da parti tieghu stqarr li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jiġu respinti stante li l-incident de quo ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tieghu. Kompla jghid li ghalhekk, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Zied ighid li minghajr preġudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jiġi pruvat skond il-ligi.

Ikkunsidra;

4. **Ir-rikorrenti Joany Mizzi**, qalet li fis-27 ta' Novembru, 2011 hija kienet waslet lura Malta minn Franza. Maghha kien hemm żewġ ghalliema ohra, impjegata ta' l-iskola fejn tahdem u erbgha u ghoxrin (24) student. Il-visita li sehhet ġewwa Franza kien tat-tip Cultural Exchange.

X'hin waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabu l-*coach* li kienet qeda tistenniehom. Qalet li qabel ma telqu minn Malta huma kienu inkarigaw lil tal-Paramount Garage sabiex jiehu hsieb il-vjagg taghhom mill-Ajruport Internazzjonali ghac-Cirkewwa u dan peress li lkoll kemm huma kienu jirrisjedu Ghawdex. Ix-xufier tal-*coach* kien l-intimat Alan Sultana.

Meta hargu mill-Ajruport u sabu l-*coach* huma hadu l-bagalji fuq in-naha ta' wara ta' dan il-*coach* u l-intimat Alan Sultana beda jippustjahom. Ir-rikorrenti qalet ukoll li x'hin l-ispazju fuq wara tal-*coach* imtela, hi u l-ghalliema l-ohra "*.... talbu lid-driver sabiex jiftah il-gnub tal-coach sabiex ikun jista jpoġġi l-baggalji fil-gnub*" (fol. 44). L-intimat Sultana, kompliet tghid ir-rikorrenti "*ma riedtx u qalilna li kien hemm post fuq wara*" (fol. 44). Wahda mill-ghalliema Geneve Refalo kellha xi affarijiet tal-hgieg fil-bagalja taghha u ma rieditx tross din il-bagalja mal-bagalji l-ohra "*... allura d-driver flok fetah il-genb kif diġà ghidt qalilha tista ttella l-baggalja fuq il-coach u allura Geneve Refalo, Lucy Borg u Janice Said tellghu l-baggalji taghhom fuq il-coach*" (fol. 45).

L-ahhar bagalji li kienet stivata fuq wara tal-coach, qalet ir-rikorrenti, kienet taghha. Hija rat lill-intimat Alan Sultana jaghlaq il-bieba ta' wara tal-*coach*. Qalet però li "*qabel ma ghalaq dik il-bieba ahna konna ghidnilu li l-baggalji ma kienux jidhru sew fuq wara imma peress illi kien qieghed jitkellem fuq il-mobile tieghu ma taghax kasna, ghalaq il-bieba, tela fuq il-coach u saq*" (fol. 45).

X'hin kienu qabżu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha l-intimat Alan Sultana waqqaf il-*coach* u dan peress li kien hemm persuna li kien qieghed isuq vettura ohra u beda jaghmel sinjal lil tal-*coach* biex jieqaf. L-intimat hekk ghamel u waqaf ikellem lil din il-persuna. Ir-rikorrenti kompliet tghid li hi, flimkien ma Lucy Borg kienu qeghdin jisimghu l-konversazzjoni li kellu l-intimat ma dan ix-xufier u dan peress li kienu qeghdin bil-qeghda fuq quddiem. Kompliet tghid li "*dan ix-xufier tal-karozza qal lix-xufier tal-coach illi l-bieba ta' wara tal-coach kienet miftuha u li kienu waqghu xi bagalji minnha, infatti x-xufier tal-coach imbaghad deher ftit ippanikkjat u qalilna wkoll l-istess haga*" (fol. 45). Kien ghalhekk li r-rikorrenti flimkien ma' l-intimat Alan Sultana u Lucy Borg niżlu mill-*coach* u marru jaraw x'gara u ma garax. X'hin waslu fuq il-parti ta' wara tal-*coach* huma setaw jaraw li l-bieba verament kienet miftuha u wara li l-intimat Alan Sultana reggha ghalaq din il-bieba, huma telghu fil-*coach*. L-intimat Sultana dawwar il-*coach* u marru jfittxu l-bagalji li x-xufier tal-karozza qal li kien ra jaqaw mill-*coach*.

Ir-rikorrenti qalet li huma ma setawx imorru lura t-triq kollha u dan peress li kien hemm il-genituri ta' l-istudenti jistennew l-Imgarr, Ghawdex. Wara marru jaghmlu rapport ġewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha. X'hin waslu c-Cirkewwa irrejalizzaw li kull ma kien hemm nieqsa kienet bagalja wahda u din kienet tappartjeni lir-rikorrenti. Din il-bagalja baqghet ma nstabitx.

Ghar-rigward tar-ricevuti, r-rikorrenti qalet li wahda biss kellha u dan peress li inzerta li kienet fil-but tal-gakketta li kienet liebsa "*... l-ghaliex l-ircevuti l-ohra ma ghandix*" (fol. 45-46). Mistoqsija kif waslet ghall-ammont reklamat f'dawn il-proceduri, r-rikorrenti qalet li "*... jiena naf xi xtrajt u naf x'kien fiha l-baggalja*" (fol. 46). Hija qalet li xtrat hafna affarijiet minn Parigi u dak kollu li xtrat kien jinsab f'din il-baggalja. Ir-ritratti li gew esebiti juru biss ftit mill-affarijiet li hija kellha fil-baggalja meta waslet lura Malta. Ziedet tghid li marret ġurnata Euro Disney u xtrat xi ġugarelli minn hemm ghan-neputijiet taghha. B'referenza ghall-i*snow boots* ir-rikorrenti qalet li dawn kienet xtrathom mill-Amerika u kienet libsithom l-ewwel darba Parigi.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qalet li hija ma ratx lill-intimat jaghlaq il-bieba tal-*coach* però kienet rat il-baggalja taghha tiġi stivata fil-bagoll fin-nofs. Hija ddeskriviet dan il-fatt tal-bagalja hekk: "*pushed in*" u "*... imdefsa fin-nofs*" (fol. 61).

Giet mistoqsija ukoll kif fit-Tribunal Ghal-Konsumatur kienet ghamlet l-istess talba bhal ma qeghda taghmel duqddiem dan it-Tribunal però l-ammont ta' danni reklamati kien inqas, ir-rikorrenti qalet li dawk il-proceduri kienet ghamlithom ta' malajr u kienet ghadha qed tistenna li tirċievi xi informazzjoni dwar l-ammonti li attwalment tilfet.

Mistoqsija x'oggetti kienet xtrat waqt li hi kienet Parigi, r-rikorrenti qalet li xtrat "*nike bag, il-plush toys ta' Disney u Euro Disney u xi souvenirs minn hemmhekk, xtrajt ukoll żarbun minn hemmhekk li f'din il-lista qieghed immarkat bhala*

*'brand new high heels', xtrajt ukoll it-two euro French coin collection. Kif diġà ghidt kien hemm l-affarijiet tal_Euro Disney, mill-Euro Disney jiena kont xtrajt kif hemm indikat fuq din il-lista, soft toys, Christmas decorations, T Shirts, sweater u hat ossia ... kappell*" (fol. 62). Dwar il-*hand made gold plated plate,* r-rikorrenti stqarret li hi ma kienitx xtratu iżda kien *souvenir* mill-iskola ta' fejn kienu marru. Hija qalet li stmat dan l-oggett fl-ammont ta' €50 u dan ghal valur sentimentali l-ghaliex fir-rejalta flus ghal dan l-oggett hi ma hargitx. Qalet ukoll li fil-lista (dik li hemm esebita a fol. 11 u 12) hija nsiet tniżżel żewġ fwejjah li kienet xtrat minn ġewwa Franza. Ziedet tghid li hi kienet xtrat xi oggetti mill-Hard Rock Cafe ta' Parigi, xi souvenirs u xi hwejjeg. Dawn ukoll ma kienux tniżżlu fil-lista esebita a fol 11 u 12 tal-process. Il-kumplament ta' l-oggetti hija kienet xtrathom minn hawn Malta. Kompliet tghid li hafna mill-affarijiet li hija xtrat minn Parigi hallsithom fi flus kontanti. Mistoqsija kemm kellha flus kontanti maghha, r-rikorrenti stqarret li kellha ammont sostanzjali. Fix-xhieda taghha, r-rikorrenti qalet li "*meta qed nghid sostanzjali jiena nkun qed nirreferi ghall-ammont ta' elfejn u hames mija, tlett elef ewro*" (fol. 63). Minn dan l-ammont, hija ma ġabet kważi xejn lura. Qalet ukoll li hija użat il-*credit card* waqt li kienet barra minn Malta u ma hijiex titlob flus ghal l-affarijiet li xtrat bl-istess *credit card* l-ghaliex hija thallset mill-assikurazzjoni tal-Bank.

F'aktar dettal, ir-rikorrenti qalet li l-*cosmetics bag* li semmiet fil-lista li tinsab esebita a fol. 11 u 12 tal-process kienet ilha fil-pussess taghha ghal madwar sena qabel ma siefret. Din kienet xtratha €30 u meta haditha barra minn Malta kien fiha madwar €15 affarijiet fiha. Ghar-rigward tal-prodotti ta' l-Inglott u tas-Shiseido, r-rikorrenti qalet li kien hemm b'madwar €90 make up. Dan peress li kien hemm xi affarijiet minnhom użati. B'referenza ghal-i*snow boots*, r-rikorrenti qalet li dawn qatt ma kienet użathom u zanznithom Franza. Kien hemm ukoll il-bagalja tad-ditta Samsonite li hija xtratha ghal prezz ta' €150. Din akkwistata bil-*vouchers* li kienet faddlet mix-xirjiet li kienet taghmel mill-Arkadia. L-istess haġa spjegat r-rikorrenti dwar l-oggetti l-ohra li kien hemm fil-bagalja u li ntilfu meta din waqghet mill-*coach*. Ghar-rigward ta' l-affarijiet taghha u li kienu jinsabu fil-bagalja, r-rikorrenti qalet li hi kellha hafna affarijiet *branded* u allura ghalhekk kienet qeghda titlob dan l-ammont. Il-vjagg kien

wiehed ta' gimgha u hi hadet affarijiet sabiex tkun tista tbiddel filghodu u filghaxija. Bhala *overweight* hi ma hallset xejn.

5. **Ix-xhud Janet Said** qalet li l-intimat beda jdahhal il-bagalji wahda wahda fuq wara tal-*coach* "*... u x'hin ghalija ma kienx hemm iktar spazju biex ipoġġi iktar bagalji fuq wara staqsejtu jekk kienx ser juża l-gnub tal-coach*" (fol. 47). Ix-xufier wegiba billi qalilha li ma kienx hemm bżonn u fil-fatt, hi, Lucy Borg u Geneve Refalo telaw il-bagalji taghhom fuq il-*coach*. Stqarret ukoll li hi u "*... r-rikorrenti morna nixtru l-affarijiet flimkien waqt li konna qeghdin Franza u naf li nefqet il-flus ...*" (fol. 47-48). Qalet li "*We spent a lot*" (fol. 48). Ghar-rigward tar-ritratti, x-xhud qalet li l-oggetti li jidhru fihom kienu jappartjenu lir-rikorrenti u kienet anke rat l-i*snow boots*.

6. **Geneve Refalo** stqarret li meta l-intimat Alan Sultana kien qed iqieghed il-baggalji fuq wara "*... ahna u cioe jiena u teachers ohra konna qeghdin nghidulu jekk kienx ser ipoġġi bagalji fil-genb tal-coach u dan peress illi stajna naraw illi ma kienx hemm iktar spazju fuq wara tal-coach biex ipoġġu l-baggalji*" (fol. 49). Fil-fatt, hi, Lina Borg u Janet Said tellghu l-baggalji taghhom fuq il-*coach* "*... tant kemm ma kienx hemm spazju fuq wara*" (fol. 49). Ix-xhud qalet ukoll li hi u l-adulti l-ohra kienu gibdu l-attenzjoni tax-xufier Alan Sultana li l-baggalji ma kienux sew iżda hu ma kienx qieghed jaghti kas ghax kien qieghed jiccacra ma l-istudenti. Ix-xhud, fuq mistoqsija tat-Tribunal qalet ukoll li huma kienu nefqu l-flus fuq dan il-vjagg taghhom barra minn Malta. Qalet li kienu marru Euro Disney u hemmhekk xtraw xi affarijiet. Ziedet tghid li "*kien ukoll ix-xahar ta' qabel il-Milied u allura hadna l-opportunita sabiex nixtru r-rigali tal-Milied u fil-fatt ir-rikorrenti wkoll kienet qeghda taghmel dan is-shopping mieghi u ghalhekk nghid ukoll illi r-rikorrenti nefqet flus*" (fol. 50). Ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li dak li gara lir-rikorrenti u cioe li kienet waqghet il-baggalja taghha mill-*coach* misjuqa mill-intimat Alan Sultana gara "*.... sforz it-traskuragni tal-intimat Alan Sultana*" (fol. 50).

7. **Lucy Borg** qalet li l-baggalja tar-rikorrenti kienet l-ahhar wahda li tpoġġiet fuq wara tal-*coach* u ftakret li kienet hamra fil-kulur. Mistoqsija x'kienet ir-raguni l-

ghala hi, Janet Said u Geneve Refalo ma poggewx il-baggalji taghhom fuq wara ukoll, hija qalet li *"... l-luggage Booth tal-coach ta' wara kien imballat*" (fol. 51) u kompliet tghid li *"... il-baggalja tar-rikorrenti nghid illi ma kienitx qeghda ppustjata sew ghax dehret*" (fol. 51). Qalet ukoll li hi kienet qeghda fuq quddiem bilqeghda hdejn ir-rikorrenti. X'hin l-intimat waqqaf il-*coach*, wara li kien attiralu l-attenzjoni xufier iehor, hi u r-rikorrenti kienu niżlu biex jaraw x'kien gara eżatt u hemm sabet il-bieba ta' wara tal-*coach* miftuha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet nefqet il-flus bhal ma ghamlet hi u l-ghalliema l-ohra u żiedet tghid li r-rikorrenti kellha affarijiet ohra li ma xtratx minn hemmhekk u li kienu proprjetà taghha bhas-*snow boots* li kienu go din il-baggalja li ntilfet.

8. **L-intimat Leo Grech** beda biex qal li huwa sid il-Paramount Garage ġewwa l-Mosta. Zied ighid li l-intimat kien jahdem mieghu bhala xufier. Kompla jghid li kienu ċemplulu minn Ghawdex sabiex jibbukkjaw *coach* biex mill-Ajruport Internazzjonali jiehu grupp ta' studenti u teachers ghac-Cirkewwa. Ix-xhud qal li kull ma jaf kien li x-xufier u cioe l-intimat l-iehor Alan Sultana kien cempillu u qallu li kienet waqet bagalja mill-*coach* u li din baqghet ma nstabitx minkejja li kien dawwar l-istess *coach* u ppruva jfittex din il-bagalja. L-intimat sostna li ma huwiex responsabbli ghall-akkadut peress li l-*coach* ma jappartjenix lill-Paramount Garage iżda lil kumpanija AIL Limited. Ammetta pero li x-xufier li kien qieghed isuq din il-*coach* kien impjegat mieghu. Xehed ukoll li l-isem Paramount Garage huwa *trade name* u li kollox huwa reġistrat fuq ismu, inkluż in-numru tal-VAT.

Qal li wara li kien sehh dan l-incident ma kien hemm l-ebda xufier iehor li saq dan il-*coach* u qallu li kien hemm xi problema fuq dan il-*lock*. L-intimat qal ukoll li darba kull 3 xhur kull *coach* fil-flotta tieghu isirlu *general service*. L-intimat ghadda biex esebixxa l-ahhar *service* li kien sar fuq dan il-*coach* qabel ma sehh dan l-incident. Skond ma jirrizulta mid-dokument LG1 jirrizulta li d-data li fiha kien sar l-ahhar *service* kienet il-5 ta' Awwissu, 2011 (fol. 71). Zied ighid li kull filghodu qabel ma johrog *coach* mill-garaxx tieghu, kull impjegat jaghmel dak li jghidulu *pre journey checking*. Meta huwa staqsa lix-xufier kif kien infetah il-baggol tal-*coach*, x-xufier kien wieġbu u qallu "*heqq, infetah*", *speċi ta' ma nafx kif infetah"* (fol. 77). L-intimat ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li f'erbghin (40) sena li ilu f'dan il-mistier, din kienet l-ewwel darba li gara kaz simili.

9. **L-intimat Alan Sultana** qal li huwa *coach driver* u jahdem mal-*Paramount Coaches*. Qal ukoll li huwa kien ix-xufier li kellu jiehu lill-istudenti u lill-ghalliema mill-ajruport ghac-Cirkewwa. Zied ighid li l-baggalji taghhom kienu stivati fuq il-parti ta’ wara tal-*coach* l-ghaliex dak kien l-unika post li kien hemm f’din il-*coach* biex tpoġġi l-baggalji. Qal li bejn wiehed u iehor dan il-baggol jesgha 36 baggalja. Dak-in-nhar li kien qieghed jistiva l-baggalji *“... ma kienx hemm iktar minn tmienja u ghoxrin (28) tletin (30) bagalja ...”* (fol. 74). Is-36 baggalja joqghodu kollha mindudin. Xehed li kien hemm xi wahda mill-ghalliema li nsistiet li l-baggalja taghha tkun fuq wara ta’ l-istivar.

Dwar il-bieba tal-baggol tal-*coach*, x-xhud qal li *“il-bieba tal-baggol tal-coach toghla minn fuq wara mbaghad meta niġi biex naghlaqha ghandha żewġ serraturi li jiena naghlaqhom*” (fol. 75). Dak-in-nhar, kompla jghid l-intimat, *“jiena din il-bieba tal-baggol ghalaqtha b’mod normali...”* (fol. 75). Meta ghalaq il-baggal kien hemm ghalliema mieghu.

X’hin waslu fin-nizla ta’ l-Ghadira kien hemm wiehed li qabżu bil-vettura tieghu u gibidlu l-attenzjoni ghal fatt li kienet infethitlu l-bieba ta’ wara tal-*coach* u li kienu waqghu xi bagalji. Waqaf u mar jara x’gara u sab il-bieba tal-baggol miftuha. Wara li ghalaq il-bieb tal-baggol, huwa baqa nieżel lejn l-Ghadira fejn dawwar il-*coach* u beda tiela t-telgha biex ifittex il-baggalji li waqghu. Kien hemm anke karozza tal-pulizija li kienet qeghda tfittex dawn il-baggalji mieghu. Sid il-vettura li kien waqqfu biex jghidlu dak li kien gara kien qallu li l-baggalji kienu waqghu fit-telgha ta’ Selmun. Ghadda minn hemm iżda hadd ma ra xejn. X’hin waslu fejn ir-roundabout tax-Xemxija u baqghu ma raw xejn huwa rega’ dawwar il-*coach* u qabad id-direzzjoni tac-Cirkewwa. X’hin waslu l-Mellieha huwa waqaf l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport ta’ x’kien gara. Meta waslu c-Cirkewwa u bdew iniżżlu l-baggalji, irriżulta li bagalja wahda biss kienet nieqsa. Fuq insistenza tar-rikorrenti huwa reggha ghadda mit-triq li kien ha mill-ajruport sac-Cirkewwa biex jara jekk jarax din il-bagalja iżda baqa ma sab xejn. Huwa nforma lir-rikorrenti b’dan.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk jekk tixghelx bozza meta il-baggol tal-*coach* jinfetah, l-intimat wieġeb fin-negattiv. Huwa żied ighid li kien ilu erba' (4) snin juża l-istess *coach* u li qabel ma jibda jsuqu huwa jkun irid jaghmel ċertu verifiki, li jinkludi z-zejt, id-dawl, il-locks tal-bibien biex jara li dawn jinghalqu kollha u affarijiet ohra simili. Din l-ispezzjoni issir kul darba li tintuża l-*coach*. Qal li dak-in-nhar tal-vjagg huwa spezzjona din il-*coach* u ma sab l-ebda problema.

L-intimat qal ukoll li meta tinfetah il-bieba tal-baggol din tiġi livell mal-*windscreen* ta' wara tal-*coach*. Il-baggol jinghalaq *"... bhal bieba ta' karozza kemm tinbuttah u jinghalaq. Biex tifthu tiftah bil-pumm"* (fol. 76).

Ikkunsidra ulterjorment;

10. L-ewwel eċċezzjoni li ghandha tiġi kkunsidrata hija dik imqanqal mill-intimat Leo Grech u cioe li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. In sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-imsemmi intimat qal li huwa ma huwiex responsabbli ghall-akkadut peress li l-*coach* ma jappartjenix lill-Paramount Garage iżda lil kumpanija AIL Limited. Dawn il-*coaches* imbaghad jintużaw mill-Paramount Garage li huwa *trade name*. Stqarr però li kollox huwa reġistrat fuq ismu, inkluż in-numru tal-VAT. It-Tribunal ma jistax jilqa din l-eccezzjoni. Ir-rikorrenti kienet dahlet fi ftehim mal-intimat Leo Grech sabiex dan jipprovdi *coach* ghaliha, ghal-ghalliema l-ohra u ghal-istudenti li kienu ser jirritornaw lura Malta minn mawra li huma kellhom barra minn Malta. Hija rrilevanti ta' min kienet il-*coach*. Ir-rikorrenti lilu kienet taf u lil hadd iżjed. Anke r-ricevuta ghal dan il-vjagg inharget mill-Paramount Garage. F' kull kaz, it-Tribunal jaghmel referenza ghar-regolament numru sitta (6) ta' l-Avviz Legali 145 tas-sena 1995 intitolat Regoli Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Dan ir-regolament jistipula li:

> *"6. (1) Jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha.*

*(2) Il-konvenut ghandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi:*

*(a) b'kopja tat-talba; u*

*(b) b'kopja tar-risposta tieghu; u*

*(c) b'avviz lil terzi; u*

*(d) b'formola ghal risposta vojta.*

*(3) Meta terzi jaghmlu r-risposta taghhom, huma ghandhom isegwu l-procedura li hemm biex issir risposta ghal talba hekk kif inhi msemmija fir-regoli 4 u 5".*

11. Min dan kollu l-intimat baqa ma ghamel xejn. La indika min kienet il-persuna li skond hu kienet responsabbli fir-risposta tieghu u lanqas ma nnotifikaha. Indika biss li l-*coach* in kwistjoni kien jappartjeni lil AIL Limited fis-seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013 u li l-Paramount Garage jikri din il-*coach* minghand l-imsemmija soċjetà li taghha, l-intimat Leo Grech huwa direttur. Fuq kollox, teżisti formola appostita sabiex jekk jidhirlu, l-intimat jinnotifika direttament lil din il-persuna minghajr il-htiega ta' l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

12. Ghar-rigward tal-mertu, ghandu jirrizulta li r-rikorrenti u x-xhieda minnha prodotti lkoll xehdu li meta l-intimat kien qieghed il-baggalji fil-*boot* ta' wara tal-*coach* dawn kienu xi ftit imrassin u li meta l-intimat Sultana gie biex iqieghed il-baggalji tal-ghalliema, huma kienu staqsewh jekk setax jiftah il-bibien tal-gnub biex ipoġġu dawn il-baggalji hemm. Huwa kien wegibhom li l-*coach* ma kellhux bibien fil-gnub u li jekk riedu setaw ipoġġu l-baggalji hdejhom ġewwa l-*coach*. L-intimat Sultana da parti tieghu jghid li l-bagalji ma kienux imrassin l-ghaliex fil-baggol joqghodu 36 baggalja. Dan gie ikkonfermat

anke mill-intimat Leo Grech. Ir-rikorrenti u x-xhieda minnha mressqa lkoll qalu li l-intimat kien mohhu biex jitkellem mal-istudenti u ma tantx kien qieghed jaghti kas ghal kif kienu qeghdin jitpoġġew il-bagalji filwaqt li l-intimat stqarr li meta huwa ghalaq il-baggol, kien hemm ghalliema mieghu. Irrizulta ukoll x-xufier tal-vettura li ġibed l-attenzjoni tal-intimat Sultana li kellhu l-bieb tal-baggol miftuha kien kellmu ftit qabel ma huwa kien ser jasal l-Ghadira. Dan kien qallu li huwa kien ra xi bagalji jaqghu fejn it-telgha ta' Selmun. Ghalhekk, l-intimat kien saq biċċa mhux hazin bil-baggol miftuh minghajr ma nduna li dan kien hekk miftuh. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-baggalja tar-rikorrenti ma kienitx stivata kif suppost l-ghaliex jekk din kienet stivata kif qieghed jghid l-intimat Sultana kif kienet hi biss li waqghet u l-baggalji l-ohra ma waqawx? Jekk din kienet stivata sew u waqghet, suppost li l-baggalji l-ohra li ukoll kienu stivati kif suppost kellhom jaqaw jew almenu xi whud minnhom. Ukoll, jekk waqghet bagalja wahda biss, dan fil-fehma tat-Tribunal ifisser li din biss ma kienitx stivata kif suppost u ghalhekk waqghet meta nfetah il-baggol.

13. Dwar il-kwistjoni tal-baggol, jirrizulta li dan kien inghalaq mill-intimat Sultana u li hadd iżjed ma missu. Ghal xi raġuni jew ohra, dan spiċċa infetah. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk hemmx xi haġa fil-*coach* biex tindika li kien hemm il-baggol miftuh, huwa wieġeb fin-negattiv. L-intimati t-tnejn isostnu li huma ma humiex responsabbli ghal fatt li l-bieba tabaggol infethet u li l-bagalja waqghet mill-baggol. Leo Grech qal li l-*coaches* li jintużaw kollha isirilhom *ġeneral service* kull tlett xhur u li dak-in-nhar li jkun ser jintuża l-*coach*, isirlu *pre journey checking*. Minn dawn ma kien hemm xejn x'jindika li l-bieba tal-baggol kellha xi problemi fil-*lock* taghha. Filwaqt li dan kollu huwa minnu, jirrizulta li l-bieba tal-baggol infethet u waqghet bagalja u ta' dan ghandhom iwieġbu l-intimati.

14. L-intimat Sultana kien ix-xufier filwaqt li l-intimat Grech kien sid il-garaxx li minghandu r-rikorrenti u l-istudenti kienu krew din il-*coach* biex twassalhom mill-Ajruport sac-Cirkewwa. L-intimat Sultana huwa impjegat tal-intimat Grechu ghalhekk filwaqt li l-incident de quo sehh waqt li l-vettura kienet fil-pussess tal-intimat Sultana, l-ftehim li r-rikorrenti kienet ghamlet kien ma l-intimat Leo Grech li kien impjega lill-intimat Sultana biex iwassal lil dawn l-ghalliema u l-istudenti. Ghalhekk mehud kollox in konsiderazzjoni u wara li

qara l-atti, t-Tribunal qieghed jasal ghal konklużjoni li z-zewg intimati in solidum bejniethom ghandhom iwieġbu ghat-talba tar-rikorrenti.

15. Nghaddu issa ghal likwidazzjoni tad-danni subiti mir-rikorrenti. Hija talbet, permezz ta' dawn il-proceduri l-ammont ta' €1645. Stqarret li meta hija siefret hija kienet hadet naqra flus mhux hazin maghha – madwar €2,500 - €3,000 – fi flus kontanti u li hi kienet nefqet ammont sostanzjali minnhom meta ghamlet is-*shopping* waqt li hi u l-ghalliema l-ohra, flimkien ma l-istudenti kienu ġewwa Franza. L-ghalliema l-ohra kollha ikkorraboraw li r-rikorrenti nefqet il-flus u li hija kienet xtrat diversi oggetti minn ġewwa Franza. Apparti dan, fil-bagalja kien hemm ukoll affarijiet li kienu jappartjenu lir-rikorrenti u li hija kienet hadet maghha minn Ghawdex ghal Franza u li kienu jinsabu fil-bagalja meta din waqghet mill-*coach*. Fost dawn l-affarijiet kien hemm *snow boots* li r-rikorrenti qatt ma kienet użat hlief meta marret Franza. L-abbli difensur tal-intimati staqsiet lir-rikorrenti kif fit-Tribunal ghal-Konsumaturi hija kienet talbet l-ammont ta' €1,300 mentri f'dawn il-proceduri qeghda titlob l-ammont ta' €1,645. Ir-risposta tar-rikorrenti kienet li dawk il-proceduri kienet ghamlithom ta' malajr u kienet ghadha qed tistenna li tirċievi xi informazzjoni dwar l-ammonti li attwalment tilfet. Ghalhekk meta hija ghamlet dawn il-proceduri hija kellha l-informazzjoni kollha f'idejha. L-istess rikorrenti xehdet ukoll li fil-lista li hija ppreżentat quddiem it-Tribunal kien hemm xi affarijiet neqsin u li ma talbitx l-ammont taghhom fosthom affarijiet ta' *cosmetics* u fwejjah. Ghar-rigward tar-ricevuti hija qalet li dawn kienu jinsabu fil-bagalja salv ghal xi wahda li hi kellha fil-gakketta. Mehud kollox in konsiderazzjoni, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-veracita tar-rikorrenti u tal-prezzijiet minnha indikati ghall-oggetti li kienu jinsabu fil-bagalja li waqghet mill-*coach*. Ghalhekk, it-Talba tar-rikorrenti sejra tintlaqa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Leo Grech u jiddikjara li huwa tharrek tajjeb f'din il-kawza, qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, u qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti. Konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimati sabiex in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf sitt mija

hamsa u erbghin euro [€1,645] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------